# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## Id-Disa’ LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 70/2024/09

**Data tal-laqgħa:** 17 ta’ Jannar, 2024

Il-Kunsill Lokali ta’ Ħal Kirkop iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop fil-17:03hrs.

### Preżenti:

Terence Agius ***Sindku***

Joseph Schembri ***Viċi Sindku***

John Luke Cassar ***Kunsillier***

Cody Galea ***Kunsillier***

### Assenti b’apoloġija *(Skont Ordni Permanenti 14A [3])*

Ritienne Caruana ***Kunsillier***

### Uffiċjal Preżenti:

Antonia Demicoli ***Segretarju Eżekuttiv***

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 70.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

70.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsilliera Ritienne Caruana li ma setgħatx tattendi għal din il-laqgħa minħabba raġunijiet ta' saħħa, liema raġuni kienet aċċetata mill-Kunsill Lokali *nem.con.*

## 70.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 68

70.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 68 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mis-Sindku Terence Agius, li kienet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 70.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 69 (B'Urġenza)

70.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa b'urġenza numru 69 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, li kienet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 70.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

70.4.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. 22/2023 rigward Allokazzjoni Finanzjarja għall-2024.

70.4.1.1 Is-Sindku kompla jgħid li għas-sena 2024 l-Allokazzjoni Finanzjarja hija ta' €296,749, żieda ta' €26,385 fuq is-sena 2023.

70.4.2 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. SPI/SCI/1/2024 dwar Skema dwar Restawr ta' Postijiet / Monumenti Storiċi f'Malta 2024/2025.

70.4.2.1 Is-Sindku spjega li din hija inizjattiva tal-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali fejn qed tiġi mnehdija din l-iskema biex jitħares il-wirt kulturali fil-pajjiż.

70.4.2.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din iċ-Ċirkulari u raw jekk fadalx postijiet li jistgħu jiġu restawrati taħt din l-iskema. Jidher li wara li ġew restawrati l-Arkata ta' San Ġakbu u s-Salib tad-Dejma, ma fadalx monumenti li għandhom bżonn restawr.

70.4.2.3 Għaldaqstant kien hemm qbil mill-Kunsilliera preżenti li għal din is-sena ma ssirx applikazzjoni għal din iċ-Ċirkulari.

70.4.3 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar rigward l-iskema Sebbaħ Pajjiżek, fejn ġie ikkonfermat li l-ammont ta' €50,000 kien ser jerġa' jitpoġġa mal-bilanċ tad-Development Planning Fund biex ikun jista' jintuża mill-Kunsill.

70.4.3.1 Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew dan il-fond u qablu li jaraw x'dokumenti hemm bżonn biex issir applikazzjoni għall-manutenzjoni tal-ġnien fi Pjazza Żerniq biex ix-xogħol ikun jista' jsir b'kollaborazzjoni mal-Public Works.

70.4.4 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-Polza tal-Assigurazzjoni tal-Flus fil-Kunsilli Lokali għas-sena 2024.

70.4.4.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din il-materja u qablu li din il-polza tiġġedded.

70.4.5 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-Personal Accident Policy għas-sena 2024.

70.4.5.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din il-materja u qablu li, bħas-snin preċedenti, ma jsirx tiġdid ta' din il-polza.

70.4.6 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand is-Southern Community Services rigward talba biex jissellfu s-sala, kull nhar ta' Ġimgħa, biex jagħmlu laqgħat bejn Jannar u Marzu 2024.

70.4.6.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din it-talba u qablu li ma jsibux oġġezzjoni għall-użu tas-sala mis-Southern Community Services.

70.4.7 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva talba mis-Soċjetà Mużikali San Ġużepp biex jorganizzaw Kunċert Mużikali nhar is-Sibt, 22 ta' Ġunju, 2024.

70.4.7.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din it-talba u qalu li ma jsibux oġġezzjoni għal din l-attività sakemm kollox isir bil-permessi rikjesti mil-liġi inkluż dak tal-Pulizija.

70.4.8 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand ir-Reġjun Punent rigward għotja ta' siġar għall-anniversarju tat-30 sena tal-Kunsilli Lokali.

70.4.8.1 Il-Kunsilliera ddiskutew postijiet fejn dawn jistgħu jitħawlu biex malli nirċevuhom ikunu jistgħu jitpoġġew f'posthom.

70.4.9 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand ir-Reġjun Punent rigward dokumenti li jistgħu jsiru biex jiġu mgħejuna l-Kunsilli Lokali fosthom *Sustainable Energy and Climate Action Plan*, *Traffic Management Plan* u tipi ta' strateġiji oħrajn.

70.4.9.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li l-Kunsill jitlob l-għajnuna rigward *Traffic Management Plan* għal-lokalità ta' Hal Kirkop.

70.4.10 Il-Kunsillier Cody Galea daħal għal-laqgħa. Il-ħin f'dan l-istadju kien is-17:45hrs.

70.4.11 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mill-Aġenzija LESA rigward Proġetti fil-Komunitajiet wara li kien ġie ffirmat ftehim ġdid mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

70.4.11.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li l-Kunsill għandu jitkellem mar-Reġjun Punent biex jara jekk hux ser japplika b'mod konġunt f'isem il-Kunsill Lokali biex isir *traffic management plan* minn esperti fil-qasam.

70.4.11.2 Il-Kunsilliera preżenti qablu wkoll li jekk ir-Reġjun Punent ma jistax japplika għal din l-iskema, tintalab l-għajnuna biex il-Kunsill ikun jista' japplika għal dan il-fond biex isir dan it-*traffic management plan.*

70.4.12 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva email mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar ir-*Regional Interactive Guiding Hub & Training Society,* fejn ser jiġu organizzati numru ta' laqgħat fejn se jingħata iktar tagħrif dwar dan il-proġett kif ukoll se jħarġu lill-membri u l-istaff tal-Kunsilli u Reġjuni fis-salvagwardja tat-tfal sabiex tiġi żgurata tmexxija bla xkiel tal-kunsilli tat-tfal ladarba jkunu stabbiliti.

70.4.12.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din il-materja u kien hemm qbil li l-istaff tal-Kunsill jattendi separatament għal dawn il-laqgħat ta' informazzjoni li ser isiru apposta u s-Sindku wkoll ser jattendi fil-laqgħa li ser issir għall-Kunsilliera.

70.4.13 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva kopja tal-ittri maħruġa mill-Awtorità tad-Djar dwar xogħol li ma kienx ser isir fi Blokka 2, Triq Tal-Fieres, wara li dawn kienu applikaw għal Skema 2. L-Awtorità kienet infurmat li peress li l-appartamenti kollha kienu mibjugħa din l-iskema ma setgħatx issir.

70.4.13.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din il-materja u qalu li mhux tajjeb li dawn ir-residenti l-ewwel ġew imwiegħda li ser jsir xogħol fil-komun tal-blokka tagħhom imbgħad ġew mgħarfa li ma jikkwalifikawx. Dan wara kollox kien żball tal-istess Awtorità peress li huma stess kienu infurmaw lir-residenti li setgħu japplikaw għal din l-iskema.

70.4.14 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva mill-IMU tal-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali rigward proġett bit-tema Illuminating Malta's Cultural Treasures: Explore Malta.

70.4.14.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din il-materja u qablu li għandha tintbagħat il-lista ta' postijiet ta' interess biex naraw jekk il-Kunsill jistax jipparteċipa f'dan il-proġett.

70.4.15 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand Fidem Foundation rigward programm dwar Mental Wellbeing Community for Men bit-tema Isma Habib.

70.4.15.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din il-materja u qablu li għalissa l-Kunsill ma kienx ser jieħu sehem f'dan il-proġett.

70.4.16 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li wara li sar l-awditjar tal-kotba finanzjarji tal-Kunsill kien hemm ammonti fil-lista ta debituri li ilhom ħafna u li jidher li ma hemmx lok li jitħallsu, u għaldaqstant l-awdituri kienu ssuġġerew li dan l-ammont jitneħħa mill-kotba u jsir *write-off* tiegħu.

70.4.16.1 Għaldaqstant is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex jiġi approvat li jsir *write-off* tal-ammonti ta' €2010 u €786 rispettivament, hekk kif spjegat fil-*management letter* għas-sena li għalqet 2022, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 70.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

70.5.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li ma kellu xejn x'jikkomunika f'dan l-istadju.

70.5.2 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li ma kellu xejn x'jikkomunika f'dan l-istadju.

70.5.3 Il-Kunsillier Cody Galea qal li ma kellu xejn x'jikkomunika f'dan l-istadju.

## 70.6 Rapport tal-Ilmenti

70.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ilment rigward id-dawl f'Misraħ il-Menhir.

70.6.1.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew dan l-ilment u qablu li jitolbu lill-kuntrattur jiċċekkja l-*wiring* ta' taħt l-art għax sa issa kull meta jiġi jirranġa jixgħel darba u jerġa' jinqata'.

70.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ilment rigward talba biex titneħħa *road hump* li hemm fi Triq Tal-Aħfar.

70.6.2.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din it-talba u minħabba li din kienet saret minħabba sigurtà, għaldaqstant din ma setgħetx titneħħa. Dan għaliex meta tagħmel kwantità kbira ta' xita l-problema ma tkunx ir-*road hump,* iżda l-ammont ta' ilma li jkun niżel f'daqqa.

70.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill talba minn resident biex jiżdied il-metru *double yellow line* li hemm mal-garaxx għax bil-metru xorta waħda mhux qed joħroġ.

70.6.3.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan l-ilment u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex tibgħat id-dettalji lil Transport Malta għall-approvazzjoni, għax il-Kunsill jista' joħroġ biss il-metru awtomatikament.

70.6.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill suġġeriment dwar *traffic management* fi Triq Salvu Sacco.

70.6.4.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u r-resident ser jiġi infurmat li l-Kunsill ser ikun qed jistħarreġ il-possibiltà li jġib fondi biex isir *traffic management* tar-raħal kollu min esperti fil-qasam.

70.6.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ilment rigward talba biex isiru tabelli li juri li fit-triq hemm il-qtates, peress li fi Triq San Leonardu kienu qed jisfaw maqtula qtates wara li jintlaqtu minn karozzi.

70.6.5.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din il-materja u qablu li jsiru żewġ tabelli, waħda f'kull xifer ta' Triq San Leonardu.

70.6.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kumplament tal-ilmenti li daħlu matul dan ix-xahar, kif jidhru fil-lista tal-ilmenti, ma kellhomx għalfejn jiġu mressqa għall-attenzjoni tal-Kunsill għax kienu lmenti li ħadet ħsiebhom l-amministrazzjoni.

## 70.7 Approvazzjoni tad-draft tal-Estimi Finanzjarji Annwali 2024

70.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill id-*draft* tal-Estimi Finanzjarji Annwali għas-sena 2024. Dawn l-Estimi Finanzjarji kienu ser jiġu diskussi fil-Laqgħa Annwali li kellha ssir nhar it-Tnejn, 29 ta' Jannar, 2024.

70.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bl-allokazzjoni li l-Kunsill jingħata mill-Gvern Ċentrali u skont l-estimi ta' dħul ieħor il-Kunsill ser ikun ristrett ħafna fuq proġetti li ser ikun jista' jwettaq matul l-2024. Dan għall-fatt li l-estimi tal-ispejjeż li huma mandatorji għolew u d-dħul żdied bi ftit.

70.7.3 Il-Kunsilliera ddiskutew din is-sitwazzjoni u qalu li wieħed irid jara kif ileħħaq mal-ispejjeż li aktar ma jmur aktar jiżdiedu u sfortunatament l-allokazzjoni togħla b'rata baxxa ħafna.

70.7.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bl-għajnuna tal-accountant kienu saru l-Estimi Finanzjarji għal din is-sena ibbażati fuq l-allokazzjoni mogħtija.

70.7.5 Għaldaqstant, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex jiġi approvat id-*draft* tal-Estimi Finanzjarji Annwali għas-sena 2024, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 70.8 Approvazzjoni – Stqarrijiet Finanzjarji tar-Raba' Kwart tas-Sena 2023

70.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-Istqarrijiet Finanzjarji tar-Raba' Kwart tas-sena 2023. Dan ir-rapport ġie diskuss mill-Kunsilliera preżenti u juri li l-Kunsill għalaq ir-Raba' Kwart tas-sena b'qagħda finanzjarja stabbli.

70.8.2 Għaldaqstant, il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex l-Istqarrijiet Finanzjarji tar-Raba' Kwart tas-sena 2023 jiġu approvati, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 70.9 *Performance Appraisals* tal-Impjegati tal-Kunsill

70.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill il-*Performance Appraisals* tal-Impjegati tal-Kunsill.

70.9.2 Il-Kunsilliera preżenti qablu mal-kontenut ta' dawn l-*appraisals* u għaldaqstant il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex il-*performance bonus* marbut ma' dawn l-*appraisals* jiġi approvat bir-rata mniżżla fuq l-*appraisal*, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 70.10 *Performance Appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill

70.10.1 Is-Sindku Terence Agius ressaq quddiem il-Kunsill il-*Performance Appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv.

70.10.2 Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament mal-kontenut ta' dan l-*appraisal* u għaldaqstant il-Kunsillier Cody Galea ressaq mozzjoni biex il-*performance bonus* marbut ma' dan l-*appraisal* jiġi approvat bir-rata mniżżla fuq l-*appraisal*, liema mozzjoni ġiet issekondata mis-Sindku Terence Agius, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 70.11 Restawr tas-Salib tad-Dejma

70.11.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li x-xogħol fuq ir-restawr tas-Salib tad-Dejma f'Misraħ Ħal Kirkop kien ġie ffinalizzat.

70.11.2 Is-Sindku Terence Agius kompla jgħid li l-Perit tad-Direttorat tar-Restawr li kien responsabbli minn dan il-proġett kien għaddielna d-dokumenti kollha li jirrigwardjaw ix-xogħol li sar.

70.11.3 Il-Kunsilliera qalu li dan il-proġett kien xogħol ieħor imwettaq f'Ħal Kirkop biex nippriservaw il-wirt kulturali ta' raħalna.

## 70.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

70.12.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 146 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

70.12.2 Is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 146 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 70.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

70.13.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

70.13.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis, 15 ta' Frar, 2024 fl-16:30hrs.

70.13.3 Il-laqgħa ntemmet fit-19:45hrs.

*(iffirmati)*

Terence Agius
***Sindku***

Antonia Demicoli
***Segretarju Eżekuttiv***

**Data:** 15 ta' Frar, 2024

**Mozzjoni Ref:** 342/24/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 68.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
John Luke Cassar

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 17 ta' Jannar, 2024

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 343/24/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 69.

**Proponent**
Joseph Schembri

**Sekondant**
John Luke Cassar

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 17 ta' Jannar, 2024

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 344/24/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġi approvat li jsir *write-off* tal-ammonti ta' €2010 u €786 rispettivament, hekk kif spjegat fil-*management letter* għas-sena li għalqet 2022.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Terence Agius | John Luke Cassar |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 17 ta' Jannar, 2024

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 345/24/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġi approvat id-*draft* tal-Estimi Finanzjarji Annwali għas-sena 2024.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Terence Agius | Cody Galea |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 17 ta' Jannar, 2024

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 346/24/9

**Mozzjoni:**

Biex l-Istqarrijiet Finanzjarji tar-Raba' Kwart tas-sena 2023 jiġu approvati.

| ________________ | ________________ |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Joseph Schembri | John Luke Cassar |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 17 ta' Jannar, 2024

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 347/24/9

**Mozzjoni:**

Biex il-*performance bonus* marbut mal-*appraisals* tal-impjegati jiġi approvat bir-rata mniżżla fuq l-*appraisal.*

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Joseph Schembri | John Luke Cassar |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 17 ta' Jannar, 2024

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 348/24/9

**Mozzjoni:**

Biex il-*performance bonus* marbut mal-*appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv jiġi approvat bir-rata mniżżla fuq l-*appraisal.*

**Proponent**
Cody Galea

**Sekondant**
Terence Agius

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 17 ta' Jannar, 2024

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 349/24/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 146.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Terence Agius | Cody Galea |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 17 ta' Jannar, 2024

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**